KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fis-6 ta’ Frar 2020[1]

**Kawża C-2/19**

**A. P.**
**vs**
**Riigiprokuratuur**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Deċiżjoni Qafas 2008/947/JHA — Sorveljanza ta’ probation u sanzjonijiet alternattivi — Rikonoxximent u sorveljanza ta’ sentenza li timponi sentenza sospiża, iżda li ma timponi ebda miżura ta’ probation”

## I. Introduzzjoni

1. Id-Deċiżjoni Qafas 2008/947[2] (iktar ’il quddiem id-“DQ 2008/947”) tintroduċi mekkaniżmu speċifiku ta’ rikonoxximent reċiproku ta’ sentenzi jew deċiżjoni ta’ probation li jimponu miżuri ta’ probation jew sanzjonijiet alternattivi. Hija tippermetti li r-responsabbiltà tas-sorveljanza ta’ miżuri ta’ probation jew sanzjonijiet alternattivi tgħaddi mill-Istat Membru li ħareġ is-sentenza u impona tali miżuri għall-Istat Membru li fih jirrisjedi l-persuna kkundannata. L-Artikolu 1 tad-DQ 2008/947 jiddeskrivi l-għan ta’ dak il-mekkaniżmu bħala li “[j]iffaċilita r-re-abilitazzjoni soċjali ta’ persuni sentenzjati, li [j]tejjeb il-protezzjoni tal-vittmi u tal-pubbliku ġenerali, u li [j]iffaċilita l-applikazzjoni ta’ miżuri ta’ *probation* u sanzjonijiet alternattivi xierqa fil-każ ta’ ħatjin li ma jgħixux fl-Istat fejn tinstab il-ħtija”.

2. F’dan il-kaz, l-awtoritajiet Latvjani talbu li l-awtoritajiet Estonjani japplikaw dak il-mekkaniżmu lil sentenza li timponi sentenza ta’ priġunerija ta’ tliet snin, li l-eżekuzzjoni tagħha kienet kondizzjonalment sospiżi jekk il-persuna kundannata ma twettaqx reat ġdid intenzjonat fi żmien perjodu ta’ tlett snin. Madankollu, l-ebda miżura speċifika fuq probation ma kienet annessa ma’ dik is-sentenza.

3. Huwa f’dan il-kuntest li l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddeċiedi fuq il-kamp (materjali) tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ rikonoxximent reċiproku fid-DQ 2008/947: dak il-mekkaniżmu għandu japplika wkoll għal sentenza li tikkontjeni biss sentenza sospiża u ma timponi ebda perijodu ta’ probation?

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta’ Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku ta’ sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta’ sorveljanza ta’ miżuri ta’ probation u ta’ sanzjonijiet alternattivi (ĠU 2008, L 337, p. 102), kif emendata.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

4. Il-premessa 8 tad-DQ 2008/947 tgħid li "[l]-għan tar-rikonoxximent reċiproku u s-sorveljanza ta' sentenzi sospiżi, sentenzi kondizzjonali, sanzjonijiet alternattivi u deċiżjonijiet dwar rilaxx kondizzjonali hu li jitjiebu l-prospetti biex persuna kkundannata tiġi re-integrata fis-soċjetà, billi din tingħata l-possibbiltà tippreserva r-rabtiet familjari, lingwistiċi, kulturali u oħrajn, iżda wkoll biex jitjieb il-monitoraġġ tal-konformità mal-miżuri ta' *probation* u s-sanzjonijiet alternattivi, bil-ħsieb li tiġi pprevenuta r-reċidività, u b'hekk ikun qed jittieħed kont debitu tal-protezzjoni tal-vittmi u l-pubbliku ġenerali."

5. Skont il-premessa 9, "[h]emm diversi tipi ta' miżuri ta' *probation* u sanzjonijiet alternattivi li huma komuni fost l-Istati Membri u li l-Istati Membri kollha huma fil-prinċipju lesti li jissorveljaw. Is-sorveljanza ta' dawn it-tipi ta' miżuri u sanzjonijiet għandha tkun obbligatorja, soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti f'din id-Deċiżjoni Qafas. L-Istati Membri jistgħu jiddikkjaraw li, addizzjonalment, huma lesti li jissorveljaw tipi oħra ta' miżuri ta' *probation* u/jew tipi oħra ta' sanzjonijiet alternattivi."

6. L-Artikolu 1 tad-DQ 2008/947 jiddefinixxi l-objettivi u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-istrument.

"1. Din id-Deċiżjoni Qafas għandha l-għan li tiffaċilita r-re-abilitazzjoni soċjali ta' persuni sentenzjati, li ttejjeb il-protezzjoni tal-vittmi u tal-pubbliku ġenerali, u li tiffaċilita l-applikazzjoni ta' miżuri ta' *probation* u sanzjonijiet alternattivi xierqa fil-każ ta' ħatjin li ma jgħixux fl-Istat fejn tinstab il-ħtija. Bil-ħsieb li jinkisbu dawn l-għanijiet, din id-Deċiżjoni Qafas tistabbilixxi regoli li konformement magħhom Stat Membru, minbarra l-Istat Membru li fih il-persuna kkonċernata tkun ġiet issentenzjata, jirrikonoxxi sentenzi u, fejn applikabbli, deċiżjonijiet ta' *probation* u jissorvelja miżuri ta' *probation* imposti abbażi ta' sentenza, jew sanzjonijiet alternattivi li jinsabu f'tali sentenza, u jieħu d-deċiżjonijiet l-oħrajn kollha relatati ma' dik is-sentenza, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'din id-Deċiżjoni Qafas.

2. Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika biss għal:

(a) ir-rikonoxximent ta' sentenzi u, fejn applikabbli, deċiżjonijiet ta' *probation*;

(b) it-trasferiment tar-responsabbiltà għas-sorveljanza tal-miżuri ta' *probation* u sanzjonijiet alternattivi;

(ċ) id-deċiżjonijiet l-oħrajn kollha relatati ma' dawk taħt (a) u (b),

kif deskritt fi u previst f'din id-Deċiżjoni Qafas.

[…]"

7. L-Artikolu 2 jiddefinixxi l-kliem li ġej:

"[…]

(1) 'sentenza' għandha tfisser deċiżjoni finali jew ordni tal-qorti ta' l-Istat emittenti, li tistabbilixxi li persuna fiżika wettqet reat kriminali u li timponi:

(a) piena ta' kustodja jew miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà, jekk ikun ingħata rilaxx kondizzjonali abbażi ta' dik is-sentenza jew permezz ta' deċiżjoni ta' *probation* sussegwenti,

(b) sentenza sospiża,

(ċ) sentenza kondizzjonali,

(d) sanzjoni alternattiva;

2. 'sentenza sospiża' għandha tfisser sentenza ta' kustodja jew miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà, li l-eżekuzzjoni tagħha hija sospiża kondizzjonalment, fl-intier tagħha jew parzjalment, meta s-sentenza tingħata permezz ta' l-impożizzjoni ta' miżura ta' *probation* waħda jew aktar. Tali miżuri ta' *probation* jistgħu jingħataw fis-sentenza nnifisha jew f'deċiżjoni ta' *probation* separata meħuda minn awtorità kompetenti;

3. 'sentenza kondizzjonali' għandha tfisser sentenza li fiha l-impożizzjoni ta' sentenza tkun ġiet differita kondizzjonalment bl-impożizzjoni ta' miżura ta' *probation* waħda jew aktar jew li fiha miżura ta' *probation* waħda jew aktar jiġu imposti flok sentenza ta' kustodja jew miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà. Tali miżuri ta' *probation* jistgħu jingħataw fis-sentenza nnifisha jew f'deċiżjoni ta' *probation* separata meħuda minn awtorità kompetenti;

[…]

5. 'deċiżjoni ta' *probation*' għandha tfisser deċiżjoni finali ta' qorti jew deċiżjoni finali ta' awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti meħuda abbażi ta' tali sentenza li

(a) tagħti rilaxx kondizzjonali, jew

(b) timponi miżuri ta' *probation*;

[…]

7. 'miżuri ta' *probation*' għandha tfisser l-obbligi u l-istruzzjonijiet imposti minn awtorità kompetenti fuq persuna fiżika, skond il-liġi nazzjonali ta' l-Istat emittenti, in konnessjoni ma' sentenza sospiża, sentenza kondizzjonali jew rilaxx kondizzjonali;

[…]"

8. L-Artikolu 4 tad-DQ 2008/947 jelenka, fis-subparagrafi (a) sa (k), tipi differenti ta' miżuri ta' *probation* jew sanzjonijiet alternattivi li għalihom tapplika id-deċiżjoni qafas. Skont l-Artikolu 4(2), kull Stat Membru għandu jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill liema miżuri ta' *probation* u sanzjonijiet alternattivi, barra dawk li għalihom hemm riferiment fl-Artikolu 4(1), huwa ppreparat li jissorvelja.

9. L-Artikolu 14 jikkonċerna "Ġurisdizzjoni għat-teħid tad-deċiżjonijiet kollha sussegwenti u l-liġi regolatorja":

"1. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tieħu d-deċiżjonijiet sussegwenti kollha relatati ma' sentenza sospiża, rilaxx kondizzjonali, sentenza kondizzjonali u sanzjoni alternattiva, b'mod partikolari f'każ ta' non-konformità ma' miżura ta' *probation* jew sanzjoni alternattiva jew jekk il-persuna sentenzjata twettaq reat kriminali ġdid.

Tali deċiżjonijiet sussegwenti jinkludu notevolment:

(a) il-modifika ta' l-obbligi jew l-istruzzjonijiet li jinsabu fil-miżura ta' *probation* jew is-sanzjoni alternattiva, jew il-modifika tat-tul ta' żmien tal-perijodu ta' *probation*;

(b) ir-revoka tas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza jew ir-revoka tad-deċiżjoni dwar rilaxx kondizzjonali;

(ċ) l-impożizzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà f'każ ta' sanzjoni alternattiva jew sentenza kondizzjonali.

2. Il-liġi ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tapplika għad-deċiżjonijiet meħuda skond il-paragrafu 1 u għall-konsegwenzi sussegwenti kollha tas-sentenza inkluż, fejn applikabbli, l-infurzar, u jekk meħtieġ, l-adattament tas-sentenza ta' kustodja jew il-miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà.

[…]"

### *B. Id-dritt Estonjan*

10. Skont il-paragrafu 508[57] tal-Kriminaalmenetluse seadustik (il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Estonjan), ir-rikonoxximent tas-sentenzi u l-eżerċizzju tas-sorveljanza ordnata bis-saħħa ta' dak il-paragrafu huwa permess biss fir-rigward ta' lista ta' miżuri ta' probation jew ta' sanzjonijiet ta' sostituzzjoni li jikkorrispondu mal-lista li tinsab fl-Artikolu 4(1) tal-FD 2008/947.

## III. Il-fatti, il-proċeduri u d-domandi preliminari

11. Bis-sentenza tal-24 ta' Jannar 2017 tar-Rīgas pilsētas Latgales priekšpilsētas tiesa (il-Qorti tal-Belt ta' Riga, Distrett Suburban ta' Latgale, il-Latvja), l-appellant fil-proċeduri prinċipali kien misjub ħati skont il-paragrafu 20(4) u l-paragrafu 195(3) tal-Krimināllikums (il-Kodiċi Kriminali Latvjan) li assista fil-ħasil ta' flus miksuba illegalment fuq skala kbira (iktar 'il quddiem "is-sentenza inkwistjoni") L-appellant ġie kkundannat għall-tlett snin priġunerija, liema infurzar ġie sospiż fuq il-kundizzjoni li huwa ma jwettaqx reat ġdid intenzjonat waqt perijodu ta' probation ta' tlett snin.

12. L-awtoritajiet Latvjani talbu li l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Estonja jirrikonoxxu u jeżegwixxu s-sentenza inkwistjoni fl-Estonja.

13. B'ordni tal-Harju Maakohus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Harju, l-Estonja) tas-16 ta' Frar 2018, is-sentenza inkwistjoni ġiet iddikjarata infurzabbli fl-Estonja. Ir-Riigiprokurör (il-Prosekutur Pubbliku, l-Estonja) kien tal-fehma li s-sentenza inkwistjoni ma setgħetx tiġi rrikonoxxuta fl-Estonja minħabba nuqqas ta' bażi legali. Madankollu, il-Harju Maakohus (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Harju) ħadet perspettiva differenti u kkunsidrat li l-fatt li l-ebda miżuri ta' probation jew miżuri alternattivi ma ġew imposti ma jipprekludux is-sentenza inkwistjoni milli tiġi rrikonoxxuta. Hija rreferiet għall-Artikolu 14 tad-DQ 2008/947, li skontha l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha l-ġurisdizzjoni li tieħu kull deċiżjoni sussegwenti relatati ma' sentenza sospiża, b'mod partikolari, fejn il-persuna kkundannata twettaq reat ġdid matul il-perijodu tal-probation. Minkejja li l-ebda miżura ta' probation jew sanzjoni alternattiva ma ġiet imposta fuq il-persuna kkundannata, is-sentenza inkwistjoni ġiet konnessa ma' perijodu ta' probation li kien għadu għaddej.

14. B'ordni tal-Tallinna Ringkonnakohus (il-Qorti tal-Appell ta' Tallinn, l-Estonja) tal-21 ta' Marzu 2018, l-ordni tal-ewwel istanza ġie kkonfermat.

15. L-appellant fil-proċeduri prinċipali appella kontra dak l-ordni quddiem ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja), il-qorti tar-rinviju, fejn qed jitlob li ż-żewġ ordnijiet jiġu annullati u s-sentenza inkwistjoni ma tiġix irrikonoxxuta. Fil-fehma tiegħu, is-sentenza inkwistjoni ma timponi l-ebda mill-miżuri msemmija fil-paragrafu $508^{57}$ tal-Kriminaalmenetluse seadustik (il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Estonjan), li huwa eżawrjenti. Jekk sentenza ta' Stat Membru ieħor li qed tagħti kundanna ma timponi l-ebda miżura ta' probation jew sanzjoni alternattiva minn dik il-lista, is-sentenza ma tistax tiġi rrikonoxxuta.

16. Il-Prosekutur Pubbliku reġa' qabel ma dik il-pożizzjoni u reġa' qal li ma kien hemm l-ebda bażi legali għar-rikonoxximent tas-sentenza inkwistjoni.

17. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Riigikohus (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Ir-rikonoxximent u s-superviżjoni tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' Stat Membru jkunu kompatibbli mad-[DQ 2008/947] anki meta l-persuna kkundannata tkun ingħatat libertà kkundizzjonata minn dik is-sentenza [3] mingħajr impożizzjoni ta' ebda obbligi addizzjonali, b'mod li l-uniku obbligu tal-persuna huwa li tevita li twettaq reat intenzjonali ġdid matul il-perjodu tal-*probation* (fejn din hija sentenza sospiża fis-sens tal-Artikolu 73 tal-Kodiċi Kriminali Estonjan)?"

18. Sottomissjonijiet bil-miktub ġew sottomessi mill-Gvern Estonjan, il-Gvern Latvjan, il-Gvern Ungeriż u l-Kummissjoni Ewropea. Dawk il-partijiet kollha, kif ukoll l-appellant fil-proċeduri prinċipali u l-Gvern Pollakk, ħadu sehem fis-smigħ nhar l-14 ta' Novembru 2019.

## IV. Kunsiderazzjonijiet

19. Dawn il-konklużjonijiet huma strutturati kif ġej. Ser nibda bl-ammissibbiltà tad-domanda magħmula (A). Imbagħad ser nindirizza r-rekwiżiti ta' informazzjoni u komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet rispettivi tal-Istati Membri emittenti u ta' eżekuzzjoni (B). Fl-aħħar nett, ser indur għad-domanda essenzjali ta' dan il-każ, billi nispjega għaliex, fil-fehma tiegħi, is-sentenza inkwistjoni ma' taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-DQ 2008/947 (C).

### *A. Ammissibbiltà*

20. Il-Gvern Latvjan issuġġerixxa li din id-domanda preliminari tiġi ddikjarata innammissibbli minħabba li, fil-fehma tiegħu, hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kamp ta' applikazzjoni tas-sentenza inkwistjoni. Dak il-gvern enfasizza li l-liġi Latvjana tippermetti li probation tiġi rrevokata mhux biss jekk reat kriminali ġdid *intenzjonat* jiġi kommess, iżda jekk kwalunkwe reat kriminali ġdid jitwettaq. Barra minn hekk, il-liġi Latvjana timponi wkoll awtomatikament iktar obbligi fuq persuni fuq probation. Għaldaqstant, huwa skorrett li jiġi kunsidrat li l-unika obbligu imposta fuq il-persuna kundannata kkonċernata hija li ma terġax twettaq reat ġdid.

21. Nieħu nota tal-kjarifiki mogħtija mill-Gvern Latvjan. Madankollu, jibqa' l-fatt li, fid-digriet tar-rinviju tagħha, il-qorti tar-rinviju tgħid biċ-ċar li l-ebda miżura ta' probation ma ġiet imposta fis-sentenza inkwistjoni. L-istess isegwi mill-punt (j)(4) taċ-ċertifikat, li l-formola standard tiegħu huwa stabbilit fl-Anness I tad-DQ 2008/947 (iktar 'il-quddiem "iċ-Ċertifikat tal-Anness I"), li ġie mimli mill-awtoritajiet Latvjani f'dan il-każ u jifforma parti mill-proċess.

3 Nota ta' qiegħ il-paġna mingħajr rilevanza għall-verżjoni Maltija ta' dawn il-konklużjonijiet.

22. F'dawn iċ-ċirkustanzi tant ċari fattwalment, minflok jirribatti kwalunkwe ħaġa li qalet il-qorti tar-rinviju, l-ispjegazzjonijiet provvduti mill-Gvern Latvjan jissuġġerixxu kwistjoni differenti, jiġifieri, x'għandu jkun l-istandard u l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet emittenti u ta' eżekuzzjoni fi ħdan il-kuntest ta' DQ 2008/947? L-informazzjoni kollha għandha tinsab fiċ-Ċertifikat tal-Anness I? L-awtoritajiet tal-Istati Membri ta' eżekuzzjoni għandhom jingħataw il-kompitu li jaċċertaw huma stess jekk il-miżuri ta' probation, li ma humiex imsemmija b'mod espliċitu fiċ-Ċertifikat tal-Anness I, jistgħux fil-fatt jiġu imposti permezz tal-operat tal-leġiżlazzjoni tal-Istat emittenti?

23. Irrispettivament ta' jekk dan il-każ huwiex inkwadrat bħala li jikkonċerna biss l-istandard ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni li għandha tingħata mill-awtoritajiet emittenti (B), jew jekk jinftiehemx bħala li jistaqsi dwar il-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-DQ 2008/947 (C), ma hemm l-ebda dubju f'moħħi li ż-żewġ ipoteżi jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-DQ 2008/947 u d-domanda preliminari hija għaldaqstant ammissibbli.

### *B. L-istandard u l-kjarezza ta' informazzjoni u komunikazzjoni*

24. Bħal strumenti oħra tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali tad-dritt Ewropew, iċ-Ċertifikat tal-Anness I tad-DQ 2008/947 ma għandux nuqqas ta' linji u kaxxi li għandhom jintlew mill-awtoritajiet emittenti. Fosthom hemm il-punt (j), intitolata "Indikazzjonijiet rigward it-tulta' żmien u n-natura tal-miżura/i ta' *probation* jew is-sanzjoni(jiet) alternattiva/i". Il-punt (j)(1) jistaqsi dwar it-"Tul ta' żmien totali tas-sorveljanza tal-miżura/i ta' probazzjoni [probation] jew is-sanzjoniji(jiet) alternattiva/i". Il-punt (j)(4) jikkonċerna n-"Natura tal-miżura/i ta' *probation* jew is-sanzjoniji(jiet) alternattiva/i" u jinkludi lista ta' tnax-il kaxxa possibbli li jiġu mmarkati, essenzjalment jirripproduċu l-lista fl-Artikolu 4(1) tad-DQ 2008/947 u jżidu kaxxa li tirrifletti l-Artikolu 4(2). L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha *timmarka waħda jew iktar* mit-tnax-il kaxxa, skont it-tip ta' miżura ta' probation jew sanzjoni alternattiva imposta (bil-possibbiltà li tiġi mmarkata iktar minn kaxxa waħda tiġi riżervata).

25. Mill-proċess ta' din il-kawza jirriżulta li l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti ma mmarkat *l-ebda kaxxa* elenkata fil-punt (j)(4) taċ-Ċertifikat tal-Anness I, filwaqt li indikat fil-punt (j)(1) li t-tul tas-sorveljanza tal-miżura ta' probation hi tlett snin.

26. Ġie spjegat mill-Gvern Latvjan waqt is-smigħ li l-mod kif l-awtorità kompetenti tiegħu mxiet f'dan il-każ jikkorrispondi għall-prassi nazzjonali li skontha l-miżuri ta' probation imposti ma humiex fil-fatt inklużi fis-sentenza iżda japplikaw *ipso jure* [4].

27. Il-kwistjoni ġenerali li tqum f'dawn iċ-ċirkustanzi hija jekk il-miżura ta' probation jew sanzjoni alternattiva mgħotija tistax tiġi ddefinita xi mkien ieħor barra mis-sentenza jew deċiżjoni ta' probation. Niddistingwi żewġ saffi għal dik il-kwistjoni.

28. Min-naħa waħda, huwa ċertament kull Stat Membru li għandu jistruttura s-sistema tiegħu għall-impożizzjoni ta' miżuri ta' probation. Fuq livell nazzjonali, dawk il-miżuri jistgħu jiġu definiti fis-sentenza nnifisha, jew fid-deċiżjoni ta' probation wara s-sentenza, jew anki f'sentenza li sempliċiment tagħmel riferiment għad-dispożizzjoni tal-liġi li tiddefinixxi l-miżuri ta' probation applikabbli.

4 Il-Gvern Latvjan jirreferi f'dan ir-rispett għall-paragrafi 1, 2 u 9 tal-Artikolu 55 tal-Krimināllikums (il-Kodiċi Kriminali Latvjan), kif ukoll għall-Artikolu 155 tal-Latvijas Sodu izpildes kodekss (il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni ta' Sentenzi tal-Latvja).

29. Min-naħa l-oħra, għal raġunijiet funzjonali u prattiċi, dik il-libertà hija ftit limitata jekk dak li huwa mfittex huwa r-rikonoxximent u sorveljanza ta' miżuri ta' probation fuq livell *Ewropew*. Meta rikonoxximent skont id-DQ 2008/947 huwa rikjest fi Stat Membru ieħor, għandu jkun ċar mid-dokumenti trasmessi (u speċjalment miċ-Ċertifikat tal-Anness I)[5] liema miżuri speċifiċi ta' probation jew sanzjonijiet alternattivi għandhom jiġu ssorveljati.

30. Nixtieq nenfasizza dak il-punt mingħajr ekwivoku: l-informazzjoni kollha neċessarja għandha tinsab fiċ-Ċertifikat tal-Anness I. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri hija bbażata fuq l-idea ta' informazzjoni standardizzata u għalhekk komunikazzjoni ssimplifikata. Ma huwiex il-kompitu tal-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li jibdew jinvestigaw l-operat tad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru emittenti, sabiex jidentifikaw jew jerġgħu jivverifikaw l-obbligazzjonijiet speċifiċi li setgħu ġew imposti fuq il-persuna kkundannata bl-operat tad-dritt nazzjonali, iżda li l-awtorità rikjedenti naqset li ssemmi.

31. F'dak il-kuntest ġuridiku, filwaqt li tittieħed debitment inkunsiderazzjoni l-ispjegazzjoni mgħotija mill-Gvern Latvjan dwar il-leġiżlazzjoni tiegħu, ma jistax jiġi injorat li l-awtoritajiet Estonjani tħallew f'forma ta' lakuna ta' informazzjoni fir-rigward il-kwistjoni ta' liema miżuri ta' probation kellhom jissorveljaw. Kif ġie kkonstatat iktar 'il fuq, l-ebda kaxxa speċifika ma' ġiet immarkata fiċ-Ċertifikat tal-Anness I, li preżumibbilment jikkorrispondi għall-fatt li l-ebda miżura speċifika ta' probation ma ġiet imposta mis-sentenza inkwistjoni.

32. B'risposta għal dik il-kwistjoni, il-Gvern Latvjan jirreferi għall-Artikolu 15 tad-DQ 2008/947, li tgħid li "[f]ejn u kull meta jinħass li huwa xieraq, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat emittenti u ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni jistgħu jikkonsultaw lil xulxin bil-ħsieb li jiffaċilitaw l-applikazzjoni bla xkiel u effiċjenti ta' din id-Deċiżjoni Qafas." Il-Gvern Latvjan jissuġġerixxi li fejn l-informazzjoni fuq il-miżuri ta' probation hija nieqsa, l-awtoritajiet tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandhom jagħmlu użu minn dik id-dispożizzjoni. Huma għandhom jikkuntattjaw l-awtoritajiet tal-Istat emittenti sabiex jistaqsu x'obbligi ta' sorveljanza għandhom japplikaw għall-persuna kkundannata.

33. Bħal fil-każ ta' dispożizzjonijiet analogi fi strumenti oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali[6],il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti hija ċertament kruċjali[7]. Madankollu, ir-regoli applikabbli fi strumenti individwali, u b'mod partikolari il-livell meħtieġ ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta, għandhom jiġu interpretati b'tali mod li jnaqqsu l-ħtieġa ta' komunikazzjoni addizzjonali bħal din. Il-ħtieġa li twassal għal talbiet ta' informazzjoni addizzjonali għandha tibqa' l-eċċezzjoni u mhux issir ir-regola[8].

5 Skont l-Artikolu 6(1) tad-DQ 2008/947, meta l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti tiddeċiedi li tagħmel użu mill-mekkaniżmu stabbilit minn dik id-deċiżjoni qafas, għandha tibgħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni s-sentenza jew id-deċiżjoni ta' probation inkwistjoni, flimkien maċ-Ċertifikat tal-Anness I.

6 B'mod partikolari, l-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Kwadru 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b'hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni, li trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna konċernata fil-kawża (ĠU 2009, L 81, p. 24).

7 Ara, fuq l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni f'dan ir-rigward, is-sentenzi tal-10 ta' Awwissu 2017, *Tupikas* (C-270/17 PPU, EU:C:2017:628, punt 91), u tal-10 ta' Awwissu 2017, *Zdziaszek* (C-271/17 PPU, EU:C:2017:629, punt 103).

8 Ara b'analoġija, is-sentenza tat-23 ta' Jannar 2018, Piotrowski (C-367/16, EU:C:2018:27, punt 61), kif ukoll il-konkluzjonijiet tiegħi f'X (*Mandat ta' Arrest Ewropew kontra kantant*) (C-717/18, EU:C:2019:1011, punt 80).

34. L-awtoritajiet tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandhom għaldaqstant ikunu jistgħu jistrieħu fuq l-informazzjoni mogħtija fiċ-Ċertifikat tal-Anness I sabiex jifhmu x'miżuri jeħtieġu jiġu ssorveljati. Ma huwiex il-kompitu tagħhom li jidħlu f'diskussjoni elaborata mal-awtoritajiet tal-Istat emittenti sabiex jimlew il-lakuna (sinjifikattiva) fl-informazzjoni mogħtija [9], liema informazzjoni hija fil-fatt fil-qalba tal-operat tad-deċiżjoni qafas.

35. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, jista' jiġi konkluż biss li hemm lakuni fl-approċċ meħud mill-awtoritajiet Latvjani għall-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku u b'mod partikolari għall-"mili" taċ-Ċertifikat tal-Anness I. Jidher li l-Gvern Latvjan irrikonoxxa dan waqt is-seduta.

36. Għaldaqstant, filwaqt li fuq ċertu livell, dan il-każ jista' ċertament jidher bħala wieħed ikkonċernat bl-istandard ta' informazzjoni u l-komunikazzjoni fil-kuntest tad-DQ 2008/947, il-fatti tal-kawża jibqgħu bħal dawk li ddikjarati mill-qorti tar-rinviju. Dik il-qorti hija kkonfrontata b'talba għar-rikonoxximent ta' sentenza li timponi sentenza sospiża *mingħajr l-ebda miżura ta' probation* li ġiet iddefinita fid-dokumentazzjoni pprovduta. Jekk dik il-qorti hijiex, taħt dawk iċ-ċirkustanzi, ukoll obbligata li tirrikonoxxi s-sentenza inkwistjoni hija d-domanda li għaliha ser indur issa.

### *C. Sentenza sospiża hija miżura ta' probation?*

37. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-DQ 2008/947 għandhiex tapplika għal sentenza li ma timponi l-ebda miżura speċifika ta' probation u li l-uniku obbligu li tapplika għall-persuna kkundannata hija li ma twettaqx reat ġdid waqt il-perijodu ta' probation ta' tlett snin.

38. Sabiex jiġi ddeterminat jekk tali sentenza, li ser nirreferi għaliha bħala sempliċi sentenza sospiża għall-faċilità ta' riferiment, għandhiex tiġi rrikonoxxuta skont id-DQ 2008/947, ser neżamina it-test (1), il-kuntest (2) u l-kamp ta' applikazzjoni (3) ta' dak l-istrument.

#### *1. Test*

39. Qabel kollox, it-titolu tad-DQ 2008/947 jindika b'mod ċar li dan l-istrument jintroduċi mekkaniżmu ta' rikonoxximent bil-għan li ssir is-sorveljanza tal-miżuri ta' probation u sanzjonijiet alternattivi. Ma huwiex miżura għar-rikonoxxment *ġenerali* ta' *kwalunkwe* sentenza.

40. Id-dispożizzjonijiet introduttivi varji tad-DQ 2008/947 jiddefinixxu b'mod simili l-portata tal-applikazzjoni tiegħu f'termini ċari. Huma jorbtu s-sentenza jew id-deċiżjoni tal-probation li ser jiġu rrikonoxxuti mal-fatt li tali sentenza jew deċiżjoni għandha timponi miżura ta' probation jew sanzjoni alternattiva.

41. L-Artikolu 1(1) jgħid li hija "tistabbilixxi regoli li konformement magħhom Stat Membru, minbarra l-Istat Membru li fih il-persuna konċernata tkun ġiet issentenzjata, jirrikonoxxi sentenzi *u*, fejn applikabbli, deċiżjonijiet ta' *probation u* jissorvelja miżuri ta' *probation* imposti abbażi ta' sentenza, *jew* sanzjonijiet alternattivi li jinsabu f'tali sentenza, u jieħu d-deċiżjonijiet l-oħrajn kollha relatati ma' dik is-sentenza, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor" [10].

42. L-istess huwa kkonfermat bit-test tal-Artikolu 2 u 4 tad-DQ 2008/947.

9 Fuq nota fil-marġni, jista' jiżdied li d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali invokati mill-Gvern Latvjan (imsemmija iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4) li minnhom jiġi preżunt li l-miżuri ta' probation għandhom joħorġu biċ-ċar bl-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali, iżidu ftit iktar inċertezza. L-Artikolu 155 tal-Latvijas Sodu izpildes kodekss (il-Kodiċi tal-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi tal-Latvja) jelenka sitt miżuri ta' probation differenti. Madankollu, diversi minnhom huma pjuttost miftuħa u ġenerali. Sabiex dawn japplikaw għal persuna kkundannata, deċiżjoni ta' mħallef jew uffiċjal tal-probation tkun meħtieġa sabiex jadattawom għall-każ speċifiku. Madankollu, fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni li tikkonċerna n-natura u potenzjalment it-tul tal-miżura u s-sorveljanza tagħha, imħallef fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandu sempliċement jaqbad u jagħżel minn dik il-lista?

10 Enfasi fuq il-konnetturi loġiċi miżjuda.

43. Id-definizzjonijiet ta' sentenza "sospiża" u "kondizzjonali" skont l-Artikolu 2(2) u 2(3) tad-DQ 2008/947 it-tnejn jippresupponu l-adozzjoni simultanja ta' waħda jew diversi miżuri ta' probation li "jingħataw fis-sentenza nnifisha jew f'deċiżjoni ta' *probation* separata meħuda minn awtorità kompetenti".

44. Skont l-Artikolu 2(7), l-espressjoni "miżuri ta' *probation*" għandha tfisser l-obbligi u l-istruzzjonijiet imposti minn awtorità kompetenti fuq persuna fiżika, skont il-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti, inkonnessjoni ma' sentenza sospiża, sentenza kundizzjonali jew libertà kundizzjonali.

45. Inoltre, l-Artikolu 4(1) fih lista ta' miżuri ta' probation li għalihom tapplika d-DQ 2008/947. Il-lista fl-Artikolu 4(1) tista' tiġi estiża skont l-Artikolu 4(2), li skontu l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bil-miżuri ta' probation u sanzjonijiet alternattivi, minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 4(1), li huma lesti li jissorveljaw [11]. Mandankollu, peress li l-Estonja ma għamlet l-ebda tali notifika, l-analiżi f'din il-kawża tiffoka fuq il-lista fl-Artikolu 4(1).

46. Il-kliem tad-disposizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq jagħmlu ħaġa waħda ċara: sabiex tapplika d-DQ 2008/947, għandu jkun hemm jew sentenza *jew* deċiżjoni ta' probation, li timponi fl-istess ħin miżura ta' probation *jew* sanzjoni alternattiva. Filwaqt li r-relazzjoni loġika bejn l-ewwel sett (sentenza jew deċiżjoni ta' probation) u t-tieni sett (miżura ta' probation jew sanzjoni alternattiva) hija *jew* (tagħqid), ir-relazzjoni ġenerali bejn iż-żewġ settijiet hija *u* (konġunzjoni): sabiex id-dikjarazzjoni ġenerali tkun veritiera, iż-żewġ prepożizzjonijiet individwali għandhom ikunu veri. Għaldaqstant, skont it-test tad-DQ 2008/947 hija ma hijiex applikabbli b'mod ċar għal sentenza li timponi sempliċi sentenza sospiża, peress li tali sentenza la tikkontjeni miżura ta' probation u lanqas sanzjoni alternattiva.

47. Dik il-konklużjoni intermedjarja twassal għad-domanda li jmiss: jista' l-obbligu li ma jitwettaqx reat ġdid fih innifsu jiġi kkunsidrat bħala "miżura ta' probation" fis-sens tat-tifsira tad-DQ 2008/947, kif sostniet b'mod partikolari l-Kummissjoni?

48. Nikkunsidra dik il-proposta diffiċilment aċċettabli għal mill-inqas tliet raġunijiet.

49. L-ewwel nett, l-obbligu li ma jitwettaqx reat ġdid ma huwiex inkluż fil-lista tal-Artikolu 4(1) tad-DQ 2008/947. Madankollu, l-impożizzjoni ta' sempliċi sentenza sospiża huwa fenomenu komuni f'numru ta' Stati Membri, b'mod partikolari f'każijiet ta' delitti inqas serji kommessi minn ħati għall-ewwel darba. Fl-istess ħin, jista' jinftiehem mill-premessa 9 tad-DQ 2008/947 li t-tipi ta' miżuri ta' probation u sanzjonijiet alternattivi elenkati fl-Artikolu 4(1) huma preċiżament "komuni fost l-Istati Membri" u li "l-Istati Membri kollha huma fil-prinċipju lesti li jissorveljaw[hom]". Dak huwa diġà sorprendenti: jekk il-kundizzjoni li ma jitwettaqx delitt ieħor f'perijodu determinat huwa verament meqjus bħala miżura ta' probation "komuni fost l-Istati Membri", huwa possibbli li l-leġiżlatur tal-Unjoni jkun injora l-eżistenza tagħha, u ma kienx jinkludiha fil-lista tal-Artikolu 4(1)?

50. It-tieni nett, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li din is-sitwazzjoni tista' taqa' taħt l-Artikolu 4(1)(d) li tijkkonċerna "*istruzzjonijiet marbuta ma' imġiba*, residenza, edukazzjoni u taħriġ, attivitajiet ta' divertiment, jew li jkun fihom limitazzjonijiet dwar jew modalitajiet ta' twettiq ta' attività professjonali" [12].

51. Insib dak is-suġġeriment mhux konvinċenti. Obbligu tant ġenerali u ġeneriku li ma jitwettaqx reat kriminali jikkuntrasta man-natura tant speċifika u konkreta tal-obbligi potenzjali elenkati fl-Artikolu 4(1)(d) (residenza, attivitajiet, taħriġ, eċċ). Dak il-kuntrast huwa enfasizzat iktar bil-premessa 10 tad-DQ 2008/947 li tgħid li "Il-miżuri ta' *probation* u s-sanzjonijiet alternattivi li, fil-prinċipju, għandhom obbligatorjament jiġu sorveljati jinkludu inter alia *ordnijiet* relatati mal-*imġiba*

11 L-Artikolu 6(4) jgħid li "Barra l-miżuri u s-sanzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 4(1), iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jinkludi biss dawk il-miżuri jew is-sanzjonijiet kif notifikati mill-Istat ta' eżekuzzjoni skond il-paragrafu 4(2)."

12 Enfasi miżjuda minni.

*(bħal obbligu li jitwaqqaf il-konsum ta' l-alkoħol)*, ir-residenza (bħal obbligu li tiġi mibdula r-residenza għal raġunijiet ta' vjolenza domestika), l-edukazzjoni u t-taħriġ (bħal obbligu li jiġi segwit "kors għal sewqan sigur"), l-attivitajiet tad-divertiment (bħal obbligu li jieqaf il-logħob jew lattendenza ta' ċertu sport) u limitazzjonijiet fuq jew modalitajiet ta' twettiq ta' attività professjonali (bħal obbligu li tiġi mfittxija attività professjonali f'ambjent tax-xogħol differenti)." [13]

52. Barra minn hekk, insib il-loġika ġenerali tal-argumenti tal-Kummissjoni problematika. Huwa minnu li, fuq ċertu livell, l-obbligu li ma jitwettaqx reat ġdid jirreferi, f'termini ġenerali, għal ċertu aġir. Iżda b'dik il-loġika, kwalunkwe ħaġa tista' tiġi inkluża taħt kwalunkwe kelma li tidher fl-Artikolu 4(1), maqtugħa minn dik id-dispożizzjoni u l-kuntest tagħha. Għaldaqstant għaliex ma naqbdux il-kelma "obbligu" u ninkludu l-"*obbligu* li ma jitwettaqx reat ġdid f'perijodu stabbilit" taħt kwalunkwe subparagrafu tal-Artikolu 4(1) li fih il-kelma "obbligu"?

53. It-tielet nett, ninnota li skont l-Artikolu 14(1) tad-DQ 2008/947 "L-awtorità kompetenti ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tieħu d-deċiżjonijiet sussegwenti kollha relatati ma' sentenza sospiża, rilaxx kondizzjonali, sentenza kondizzjonali u sanzjoni alternattiva, b'mod partikolari f'każ ta' *non-konformità ma' miżura ta' probation jew sanzjoni alternattiva jew jekk il-persuna sentenzjata twettaq reat kriminali ġdid*". [14]

54. Dik id-dispożizzjoni għaldaqstant tagħmel distinzjoni ċara bejn *nuqqas ta' osservanza ta' miżura ta' probation*, minn naħa waħda, u *t-twettiq ta' reat ġdid*, min-naħa l-oħra. Din il-formulazzjoni għandha b'mod ċar alternattiva addizzjonali differenti min-nuqqas ta' osservanza ta' miżura ta' probation. Fi kliem ieħor, jekk l-obbligu li ma jitwettaqx reat ġdid kien fih innifsu miżura ta' probation, mela d-distinzjoni bejn in-nuqqas ta' konformità ma' miżura ta' probation u t-twettiq ta' reat ġdid kien ikun superfluwu.

55. Fid-dawl tal-elementi testwali diskussi iktar 'il fuq, nikkonkludi li d-DQ 2008/947 ma tapplikax għal sentenza li timponi sempliċi sentenza sospiża iżda l-ebda miżura ta' probation. L-obbligu ta' nuqqas ta' reċidiva waqt il-perijodu ta' sospensjoni ma huwiex fih innifsu miżura ta' probation.

56. Dik il-konklużjoni tkompli tiġi kkonfermata b'eżami tal-kuntest intern u estern u l-loġika tal-istrument inkwistjoni.

*2. Il-kuntest intern u estern u l-loġika*

57. Id-DQ 2008/947 issostitwiet id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-30 ta' Novembru 1964 dwar is-Sorveljanza ta' Ħatjin Sentezjati Kondizzjonalemt jew Liberati Kondizzjonalment [15].Ir-rabta preċiża bejn iż-żewġ strumenti ma hijiex spjegata iktar mill-affermazzjonijiet li, l-ewwel nett, il-konvenzjoni ta' qabel "ġiet irratifikata biss minn 12-il Stat Membru, f'xi każijiet b'għadd ta' riżervi" u t-tieni id-DQ 2008/947 "tipprevedi strument aktar effettiv għax hija bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u li fiha jipparteċipaw l-Istati Membri kollha" [16].

58. B'hekk, ftit jista' jittieħed mill-konvenzjoni ta' qabel u l-portata tagħha sabiex jiġi interpretat il-kamp ta' applikazzjoni tad-DQ 2008/947. Għaldaqstant, il-gwida rilevanti għandha tiġi mfittxa fil-loġika interna tad-DQ 2008/947 innifisha (a) u mill-kuntest estern, jiġifieri l-istrumenti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni fil-qasam ta' kooperazzjoni ta' materji kriminali (b).

13 Enfasi miżjuda minni.
14 Enfasi miżjuda minni.
15 Ara l-Artikolu 23(1) tad-DQ 2008/947.
16 Il-premessa 4 tad-DQ 2008/947.

*a) Loġika Interna*

59. Kif ġie essenzjalment issuġġerit mill-Gvern Pollakk, id-DQ 2008/947 hija bbażata fuq l-idea li billi tieqaf milli timponi piena ta' detenzjoni jew miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà, u billi timponi, minflok, sentenza sospiża (jew kondizzjonali) flimkien ma' miżura ta' probation (jew sanzjoni alternattiva), il-persuna ssentenzjata jkollha ċans aħjar li terġa' tintegra lura fis-soċjetà (li mbagħad tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tar-reċidiviżmu u l-protezzjoni tas-soċjetà kontra l-attività kriminali). Bl-istess mod, dik il-persuna jkollha wkoll l-opportunità li tiċċaqlaq għal Stat Membru ieħor, filwaqt li l-osservanza tal-kundizzjonijiet marbuta mal-kundanna jibqgħu żgurati minn dak l-Istat. Dak l-Istat ikun l-Istat Membru ta' residenza jew, taħt kundizzjonijiet ulterjuri, Stat Membru ieħor, jekk pereżempju tingħata kuntratt ta' impjieg f'dak l-Istat Membru, jekk tkun membru tal-familja ta' persuna b'residenza ordinarja u leġittima f'dak l-Istat Membru, jew jekk beħsiebha tistudja jew titħarreġ f'dak l-Istat Membru[17].

60. Essenzjalment, jidher li l-loġika hija li tippermetti lil persuna tiċċaqlaq minkejja li hemm restrizzjonijiet. F'dak il-każ, ir-restrizzjonijiet għandhom jiċċaqalqu mal-persuna. Iżda, jekk ma hemmx restrizzjonijiet speċifiċi, x'hemm x'iċċaqlaq? Jekk ma hemmx miżura speċifika ta' probation x'tiċċaqlaq għal Stat Membru ieħor, għaldaqstant li l-persuna ssir suġġetta għad-DQ 2008/947 fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jkun ifisser li restrizzjonijiet li kienu preċedentement ineżistenti jinħolqu.

61. Dak il-punt huwa marbut ma' argument strutturali ieħor. Fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-DQ 2008/947, il-komunikazzjoni u s-sorveljanza huma żgurati mill-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 3 ta' dik id-deċiżjoni qafas. Dawk l-awtoritajiet speċifikament maħtura ma jikkomunikawx biss bejniethom stess, iżda anke jiżguraw il-konnessjoni mal-istrutturi tal-istituzzjonijiet *speċjalizzati u ddedikati* fl-Istati Membri li għandhom il-kapaċità u l-għarfien espert sabiex jikkontrollaw l-osservanza tal-(lista eżawrjenti ta') miżuri ta' probation iddefiniti fl-Artikolu 4(1) tad-DQ 2008/947 (jew innotifikati skont l-Artikolu 4(2)).

62. Min-naħa l-oħra, min ser jissorvelja l-assenza tat-twettiq ta' reat ġdid minn persuna kundannata, u kif? Tali kompitu normalment jaqa' fuq l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi inkarigati bil-prevenzjoni, investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' attività kriminali fi Stat Membru. Għalhekk, is-"sorveljanza" ta' tali miżuri tkun, min-natura tagħha stess, *imxerrda u ġenerali*, fuq l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, u mhux neċessarjament jew biss fuq netwerk dedikat ta' awtoritajiet tal-probation.

63. Dak il-kuntrast istituzzjonali jkompli jenfasizza d-differenza bejn in-natura u l-loġika tal-miżura ta' probation speċifika, minn naħa waħda, u projbizzjoni ġenerika li jitwettaq delitt ġdid konness ma' sentenza sospiża, min-naħa l-oħra.

*b) Kuntest Estern*

64. Il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, il-"pedament" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Unjoni[18], ġie implimentat fuq il-livell tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti aspetti tal-infurzar tal-liġi kriminali. Żewġ strumenti oħra huma ta' rilevanza għall-interpretazzjoni tad-DQ 2008/947 fil-kuntest ta' din il-kawża: id-Deċiżjoni Qafas 2008/675 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni

17 Ara premessa 14 u l-Artikolu 5(2) tad-DQ 2008/947.

18 Ara, pereżempju, il-premessa 2 tad-DQ 2008/947 u s-sentenza tal-11 ta' Jannar 2017, Grundza (C-289/15, EU:C:2017:4, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda[19] (iktar 'il quddiem "DQ 2008/675") u d-Deċiżjoni Qafas 2008/909 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea[20] (iktar 'il quddiem id-"DQ 2008/909")

65. Id-DQ 2008/909 u d-DQ 2008/947 huma intiżi li jagħmlu l-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku applikabbli, minn naħa waħda għal sentenzi kriminali li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà u, min-naħa l-oħra għal sentenzi li jimponu miżuri ta' probation jew sanzjonijiet alternattivi. Filwaqt li l-ewwel strument għalhekk jikkonċerna sitwazzjonijiet li fihom persuni kkundannati huma mċaħħda mil-libertà, it-tieni jikkonċerna sitwazzjoni li fihom huma ma jkunux, iżda huma jkunu suġġetti għall-miżuri ulterjuri, kemm miżuri ta' probation jew sanzjonijiet alternattivi.

66. Id-DQ 2008/675 tirrappreżenta strument ieħor li, madankollu, huwa distint mill-oħrajn min-natura u l-funzjoni tiegħu, kif irrilevat il-Kummissjoni waqt is-seduta. Din ma tistabbilixxix mekkaniżmu ta' rikonoxximent simili għal dak stabbilit miż-żewġ deċiżjonijiet qafas l-oħra. Hija ma tagħmel l-ebda trasferiment ta' ġurisdizzjoni fuq il-persuna kkonċernata jew il-kundanna minn Stat Membru għal ieħor. Id-dispożizzjoni ewlenija tad-DQ 2008/675, l-Artikolu 3(1), jirrikjedi lill-Istati Membri li jieħdu l-konsegwenzi ekwivalenti minn kundanni preċedenti mgħotija fi Stati Membri oħra bħala dawk meħuda minn kundanni nazzjonali preċedenti. Għal dak il-għan, l-istrument ma jiddistingwix bejn sentenzi li jinvolvu jew ma jinvolvux iċ-ċaħda tal-libertà, jew bejn sentenzi l-eżekuzzjoni tagħhom ġiet jew ma ġietx sospiża. Il-kundanni kriminali huma kollha koperti.

67. B'differenza mid-deċiżjoni qafas tal-aħħar, id-DQ 2008/947 *titrasferixxi l-ġurisdizzjoni* tal-eżekuzzjoni ta' piena mgħotija fi Stat Membru differenti. Id-DQ 2008/947 tagħmilha possibbli, speċjalment taħt il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 14 tagħha, għall-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li jbiddlu l-modalitajiet tal-piena: Stat Membru jsir intitolat li jbiddel jew jadatta kundanna kriminali definittiva ta' Stat Membru ieħor. Madankollu, dan jikkostitwixxi eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali tat-territorjalità tal-liġijiet kriminali. Dak jidher li huwa kkonfermat permezz ta' kuntrast mal-Artikolu 3(3) tad-DQ 2008/675 li skontu "it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti mogħtija fi Stati Membri oħrajn [...] m'għandux ikollu l-effett li jfixkel, jirrevoka jew jirrevedi kundanni preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' l-eżekuzzjoni tagħhom mill-Istat Membru li jkun qed imexxi l-proċedimenti l-ġodda".

68. Fis-sentenza Beshkov, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet dak il-fatt, u qalet li dik "id-dispożizzjoni teskludi wkoll kull eżami mill-ġdid tal-imsemmija kundanni, li għandhom għalhekk jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-istat li fih dawn ġew ippronunzjati"[21]. Id-DQ 2008/675 għalhekk tipprekludi Stat Membru, meta jittieħed inkunsiderazzjoni kundanni preċedenti, milli jibdel il-modalitajiet tal-eżekuzzjoni tal-piena imposta fi Stat Membru ieħor[22].

69. Niġbed żewġ konklużjonijiet minn dak il-kuntest ġuridiku.

70. L-ewwel nett, kieku ġie konkluz li d-DQ 2008/947 ma tapplikax għal sempliċi sentenza sospiża, dak ċertament ma jkunx ifisser li tali deċiżjoni ġudizzjarja ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni fi Stat Membru ieħor. Dan sempliċiment ikun jiġri taħt strument differenti mid-DQ 2008/947. Bħall-Kummissjoni, il-Gvern Ungeriż u dak Pollakk jirrilevaw, essenzjalment li dan ix-xenarju jaqa' taħt

19 Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI tal-24 ta' Lulju 2008 (ĠU 2008, L 220, p. 32)

20 Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/JHA tas-27 ta' Novembru 2008 (ĠU 2008, L 327, p. 27).

21 Ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, *Beshkov* (C-171/16, EU:C:2017:710, punt 44).

22 Fid-dawl ta' dan, jibqa' dibattibbli sa fejn il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza kienu bbażati fuq iċ-ċirkustanza speċifika fattwali li s-sentenza inkwistjoni ġiet ikkompletata fl-intier tagħha qabel il-persuna kkundannata konċernata applikat għall-aggregazzjoni tagħha ma' sentenza oħra. Ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, *Beshkov* (C-171/16, EU:C:2017:710,b'mod partikolari bit-tqabbil tal-paragrafi 46 u 47).

id-DQ 2008/675. Fi kliem ieħor, jekk il-persuna kkonċernata twettaq reat ġdid fi Stat Membru ieħor (fil-każ tal-appellant, fi Stat li ma huwiex il-Latvja), il-kundanna preċedenti tiegħu pronunzjata mis-sentenza inkwistjoni tista' tiġi mittieħda inkunsiderazzjoni mill-awtoritajiet rispettivi skont il-kundizzjonijiet iddefiniti fid-DQ 2008/675.

71. It-tieni nett, isegwi mill-kuntest ġuridiku f'dan il-qasam tad-dritt li s-sistema tad-DQ 2008/947, b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha, tipprevedi eċċezzjoni għal bqija tar-regoli applikabbli. Iżda għaldaqstant, bħal fi kwalunkwe eċċezzjoni, il-kamp tal-applikazzjoni tal-eċċezzjoni ma għandux jiġi interpretat restrittivament? Għandhom tali trasferimenti ta' ġurisdizzjoni f'materji kriminali ma jsirux biss f'każijiet li huma kjarament u inekwivokabilment previsti mil-leġiżlatur tal-Unjoni? Ir-relazzjoni reċiproka bejn id-DQ-2008/675 u d-DQ 2008/947 tikkostitwixxi, fil-fehma tiegħi, raġuni oħra sabiex l-istrument tal-aħħar jiġi interpretat b'kawtela u b'mod restrittiv.

72. Naturalment nammetti li l-konsegwenzi li joħorġu mid-DQ 2008/675 huma potenzjalment ta' inqas "intensità normattiva" minn dawk li jirriżultaw mid-DQ 2008/947. Fil-fatt, u kif il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment osservat fis-sentenza Beshkov, li "[tittieħed] inkunsiderazzjoni" kundanna preċedenti ma jistax taffettwa u jibdel il-modalitajiet tal-eżekuzzjoni tas-sanzjoni imposta preċedentement fi Stat Membru ieħor [23]. Nammetti wkoll li l-konklużjoni dwar l-inapplikabbiltà tad-DQ 2008/947 għal sempliċi sentenza sospiża tfisser li l-ebda ġurisdizzjoni ma tista' tiġi ttrasferita lill-Istat ta' residenza tal-persuna kkonċernata minn dik is-sentenza fir-rigward tal-eżekuzzjoni tagħha. Madankollu tali konsegwenza tirriżulta b'mod ċar mir-reġim leġiżlattiv preżentement applikabbli tal-Unjoni, għall-inqas sakemm, fil-fehma tiegħi, it-test u l-kuntest ta' dawk il-miżuri huma kkonċernati. L-aħħar element li jifdal huwa dak tal-iskop: intepretazzjoni estensiva tal-kamp ta' applikazzjoni tad-DQ 2008/947 tagħmilha possibbli għall-iskop tagħha sabiex jiġi avvanzat b'xi mod?

### *3. L-Għan*

73. Skont l-Artikolu 1(1), id-DQ 2008/947 hija intiża li (i) "tiffaċilita r-re-abilitazzjoni soċjali ta' persuni sentenzjati", (ii) "(i)ttejjeb il-protezzjoni tal-vittmi u tal-pubbliku ġenerali", u (iii) "tiffaċilita l-applikazzjoni ta' miżuri ta' *probation* u sanzjonijiet alternattivi xierqa fil-każ ta' ħatjin li ma jgħixux fl-Istat fejn tinstab il-ħtija".

74. Il-premessa 8 tiżviluppa l-objettiv (i) billi żżid li d-DQ 2008/947 "(ittejjeb) (i)l-prospetti biex persuna kkundannata tiġi re-integrata fis-soċjetà, billi din tingħata l-possibbilta' tippreserva r-rabtiet familjari, lingwistiċi, kulturali u oħrajn".

75. Rigward l-objettiv (ii), l-istess premessa tgħid, fil-prinċipju, li billi "jitjieb il-monitoraġġ tal-konformità mal miżuri ta' *probation* u s-sanzjonijiet alternattivi, bil-ħsieb li tiġi pprevenuta r-reċidività, u b'hekk ikun qed jittieħed kont debitu tal-protezzjoni tal-vittmi u l-pubbliku ġenerali".

76. Fir-rigward tal-objettiv (iii), skont ir-rapport ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni, "l-implimentazzjoni xierqa tal-(DQ 2008/947) se tħeġġeġ lill-Imħallfin, li jistgħu jserrħu rashom li persuna tkun se tkun sorveljata kif jixraq fi Stat Membru ieħor, biex jimponu sanzjoni alternattiva biex tiġi eżegwita barra mill-pajjiż minflok piena ta' ħabs" [24]. Fuq perijodu ta' żmien itwal, "billi l-Istati

23 Ara iktar 'il fuq, punti 67 u 68.

24 Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Deċiżjonijiet Qafas 2008/909/ĠAI, 2008/947/ĠAI u 2009/829/ĠAI dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi dwar pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà, dwar sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi u dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni provviżorja (COM(2014/57) finali), p. 5.

Membri jridu jipprovdu għal mill-inqas il-miżuri ta' probation u s-sanzjonijiet alternattivi kif imsemmija fl-Artikolu 4(1) ta' (DQ 2008/947), effett sekondarju pożittiv se jkun il-promozzjoni u approssimazzjoni ta' alternattivi għad-detenzjoni fl-Istati Membri differenti"[25].[traduzzjoni mhux uffiċjali]

77. Fid-dawl tat-tliet objettivi identifikati hawn fuq, jistgħu jiġu avvanzati fi kwalunkwe mod permess ta' interpretazzjoni estensiva tal-kamp ta' applikazzjoni tad-DQ 2008/947 kif suġġerit mill-Kummissjoni u l-Gvern Estonjan?

78. Dak diffiċilment ikun il-każ fir-rigward tal-*ewwel objettiv*, li jikkonċerna r-reintegrazzjoni soċjali ta' persuni kkundannati. Ir-rikonoxximent tas-sentenza inkwistjoni ma joħloq l-ebda obbligu attiv tas-sorveljanza tal-appellent, kif jammetti l-Gvern Estonjan u huwa ugwalment irrilevat fid-deċiżjoni tar-rinviju[26]. Is-sitwazzjoni riżultanti bl-ebda mod ma tikkkontribwixxi għar-reintegrazzjoni soċjali tal-appellant. Is-sitwazzjoni tiegħu f'dan ir-rigward tkun preċiżament l-istess daqs li kieku s-sentenza inkwistjoni ma tkunx rikonoxxuta, peress illi ma jirriżultax mill-proċess tal-kawża li s-sentenza inkwistjoni tkun tillimita l-kapaċità tiegħu li jitlaq mil-Latvja bi kwalunkwe mod.

79. Interpretazzjoni estensiva tad-DQ 2008/947 ukoll ma tidhirx li tikkontribwixxi għat-*tielet objettiv*, li tikkonċerna "tiffaċilita l-applikazzjoni ta' miżuri ta' *probation* u sanzjonijiet alternattivi" peress illi l-ebda miżuri simili ma ġew imposti f'dan il-każ. Kieku sempliċi sentenza sospiża titqies bħala "miżura ta' probation" ma narax kif imħallef ikun imħeġġeġ iktar sabiex jimponi sempliċi sentenza sospiża milli sentenza li ċċaħħad il-libertà f'sitwazzjoni li fiha huwa fuq kollox ma kellu l-ebda intenzjoni li jimponi iktar limitazzjonijiet fuq il-kondotta tal-persuna kkundannata fil-forma ta' miżuri speċifiċi ta' probation.

80. Is-sitwazzjoni ma hijiex daqshekk ċara fir-rigward tat-*tieni objettiv*, li jikkonċerna t-"titjib tal-protezzjoni tal-vittmi u tal-pubbliku ġenerali". Jista' jkun issuġġerit li r-rikonoxximent tas-sentenza inkwistjoni jista' jagħmilha possibbli għall-awtoritajiet Estonjani li jirrevokaw is-sospensjoni imposta mis-sentenza inkwistjoni jekk l-appellant iwettaq reat ġdid, u wara jżidu immedjatament is-sentenza preċedenti ma dik li ser tiġi mposta għar-reat il-ġdid. Dik tista' titqies bħala miżura li tipproteġi l-vittmi u l-pubbliku ġenerali peress illi l-appellant ikun imċaħħad mil-libertà, u wisq probabli għal tul ta' żmien itwal milli kieku l-impożizzjoni ta' sentenza aggregata ma kinitx possibbli.

81. Ċertament, hemm fehmiet differenti dwar ir-rwol tal-pieni kriminali fis-soċjetà u fuq kif is-soċjetà kollha tista' tiġi protetta mill-attività kriminali. Madankollu, l-idea li sempliċiment jingħataw sanzjonijiet iktar ħorox, mingħajr jittieħed inkunsiderazzjoni l-interess li tiżdied ir-reintegrazzjoni soċjali tal-persuni kkonċernati, tenfasizza b'mod ċar l-aspett ta' retribuzzjoni li jġib konsegwenzi immedjati għall-persuna kkundannata kif ukoll il-protezzjoni tas-soċjetà immedjata (għalkemm fuq perijodu kemmxejn qasir), għad-detriment tar-reintegrazzjoni soċjali li tiffavorixxi l-effetti fuq perijodu twil kemm għall-persuna kkundanata u għall-membri l-oħra tas-soċjetà[27].

82. Il-Kummissjoni tidher li tinterpreta l-Artikolu 14(1) tad-DQ 2008/947 b'dik il-loġika li tiffavorixxi l-infurzar, u tgħid li ma jkunx raġjonevoli jekk il-fatt li jitwettaq kommess reat ġdid ma jwassalx għar-revoka tas-sospensjoni.

25 *Ibid*, pp. 8 u 9.

26 Il-qorti tar-rinviju tispjega li l-awtoritajiet Estonjani ma jwettqux sorveljanza attiva tal-eżekuzzjoni tal-obbligu fuq il-persuna kkundannata skont l-Artikolu 73(1) tal-Karistusseadustik Estonjan (il-Kodiċi Kriminali tal-Estonja), li jikkonċerna l-imposizzjoni ta' sentenza kundizzjonali mingħajr l-applikazzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza. It-tweġiba tal-Istat għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligu li ma jitwettaqx reat tista' biss tkun sabiex jiġi żgurat li penali tiġi mposta fir-rigward tar-reat il-ġdid.

27 Ara, f'dak li jirrigwarda b'mod iktar ġenerali, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża li tat lok għas-sentenza Beshko*v* (C-171/16, EU:C:2017:386, punti 46 *et seq*).

83. Nirrikonoxxi illi, *prima facie*, il-mekkaniżmu tal-Artikolu 14 li jagħti l-ġurisdizzjoni lill-Istat ta' eżekuzzjoni jidher illi jippresta ruħu għas-sitwazzjoni inkwistjoni. Fi kliem ieħor, jekk jiġi konkluż li l-obbligu li ma jitwettaqx reat ġdid jikklassifika bħala miżura ta' probation, mela l-mekkaniżmu tal-Artikolu 14 jipprovdi l-awtoritajiet tal-Istat ta' eżekuzzjoni bl-istrument neċessarju sabiex iwieġbu f'każ li jinkiser dak l-obbligu.

84. Madankollu, dak l-argument huwa eżempju stramb ta' raġunament bil-kontra, li jiżbilanċja l-għan u l-loġika ġenerali tad-DQ 2008/947.

85. L-ewwel nett, jista' jiġi osservat li tali raġjunament jirriżulta minn konsegwenza potenzjalment negattiva li għadha ma mmaterjalizzatx f'dan il-każ: *jekk* il-persuna kkundannata tkun riċediva. Ma hemm l-ebda prova fil-proċess tal-każ li l-appellant huwa reċidiv. Barra minn hekk, l-argument kollu huwa bbbażat fuq il-preżunzjoni li ladarba kienu kkundannati darba, dawn il-persuni jistgħu jkunu reċidivi. Ser inwarrab l-inkoraġġiment morali u l-appoġġ li tali argument jagħti lil dawk b'sentenzi sospiżi jew kundizzjonali u minflok ninnota li, bl-istess mod, ma tantx hemm fiduċja espress fl-abbiltà tal-atti tal-Unjoni inkwistjoni li jikkontribwixxu b'mod effettiv lejn l-għan ta' riabilitazzjoni u reintegrazzjoni soċjali.

86. It-tieni nett, il-kamp tal-applikazzjoni ta' att tal-Unjoni għandu jiġi determinat mid-dispożizzjoni rilevanti li tiddefinixxi dak il-kamp, u mhux mill-fatt li parti mill-mekkaniżmu maħluq minn dak l-istrument jista' jintuża wkoll għal xi ħaġa oħra.

87. It-tielet nett, it-twettiq ta' reat ġdid jista' jkollu riperkussjonijiet għal persuni bi probation anki jekk ma marrux kontra l-miżura ta' probation speċifika, bħal li ma għandux jiġi kkunsmat alkoħol. Persuni kkundannati bi probation, li għalihom tapplika miżura ta' probation speċifika, jista' jkollhom l-obbligu li ma jwettqux reat ġdid kemm fl-Istat Membru inkwistjoni kif ukoll barra mill-pajjiż. Jekk huma jagħmlu dan, il-perijodu ta' sospensjoni jista' jiġi rrevokat, skont l-ordinament ġuridiku rispettiv u ċ-ċirkustanzi individwali tal-każ.

88. Ir-raba' nett, l-interpretazzjoni estensiva tad-DQ 2008/947 issuġġerita mill-Kummissjoni tista' tiffavorixxi l-objettiv ta' "retribuzzjoni" ta' piena kriminali. Iżda dan jinjora l-aspetti l-oħra li huma speċifikament bilanċjati kontra xulxin permezz tal-għan triplu tad-DQ 2008/947 imsemmi fl-Artikolu 1(1) u fil-punt 73 ta' dawn il-konklużjonijiet. Din id-deċiżjoni qafas hija magħmula sabiex tippromwovi l-applikazzjoni tal-miżuri ta' probation jew sanzjonijiet alternattivi peress illi dawn jgħinu sabiex jevitaw li jiġu imposti sentenzi li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà, u għaldaqstant itejbu l-possibbiltajiet tal-persuni kkundannati li jerġgħu jintegraw ruħhom fis-soċjetà.

89. It-tliet objettivi mfittxa mid-DQ 2008/947, kif espressi fl-Artikolu 1(1) għalhekk jiġu flimkien. Id-DQ 2008/947 hija intiża sabiex issib bilanċ bejniethom. Ma nsibx raġuni konvinċenti għaliex iktar piż għandu jingħata għal *wieħed* biss minn dawn l-objettivi, jew inkella lill-wieħed biss mill-elementi ta' wieħed minnhom, li jwassal għall-interpretazzjoni wiesgħa ta' strument tad-dritt tal-Unjoni li jfittixhom *kollha*.

90. Fil-qosor, nara ftit raġuni li tiġi proposta interpretazzjoni wiesgħa indebita tal-kamp ta' applikazzjoni tad-DQ 2008/947 li tmur kontra t-test ċar, il-loġika u s-sistema ta' dak l-istrument, filwaqt li tfittex li tavvanza element wieħed partikolari biss mill-objettivi tagħha, fuq (jew anki għad-detriment) tal-objettivi l-oħra tagħha.

91. Bħala rimarka tal-għeluq, ippruvajt repetutament nissuġerixxi li, anki fid-dritt tal-Unjoni, fejn it-test taħt eżami huwa ċar, hemm inqas bżonn li ssir evalwazzjoni tal-objettivi tal-att inkunsiderazzjoni[28]. Inżid biss li l-istess għandu japplika, *a fortiori*, f'każijiet relatati mal-qasam tad-dritt kriminali ddefinita b'mod wiesgħa, fejn l-interpretazzjoni wiesgħa jew stretta tal-istrument inkwistjoni jkollha riperkussjonijiet ta' dritt kriminali fuq is-sitwazzjoni tal-individwi kkonċernati.

92. Ma jistax jiġi miċħud, f'dan il-kuntest, li interpretazzjoni wiesgħa tal-kamp ta' applikazzjoni tad-DQ 2008/947 tista' tiggrava s-sitwazzjoni tal-persuna kkundannata f'dan li il-każ (li ma hijiex reċidiva). Nieħu nota tal-kjarifiki utli pprovvduti mill-qorti tar-rinviju, marbuti mal-kwistjoni tal-proporzjonalità tas-sanzjonijiet, espressi, fid-dritt tal-Unjoni, fl-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem "il-Karta"). Skont l-ispjegazzjoni mogħtija fid-deċiżjoni tar-rinviju, ir-rikonoxximent tas-sentenza inkwistjoni tista' tagħmilha possibbli li s-sanzjoni imposta preċedentement tiġi aggregata ma' kwalunkwe sanzjoni ġdida. Min-naħa l-oħra, mingħajr rikonoxximent, l-ebda aggregazzjoni ma hija possibbli. Nifhem li l-persuna kkundannata kkonċernata għandha mbagħad tikkompleta żewġ pieni suċċessivi: dik għar-reat il-ġdid imwettaq ipotetikament fl-Estonja u dik imposta preċedentement fil-Latvja.

93. Il-problema b'dan l-argument, bħal dak mressaq mill-Kummissjoni[29], huwa n-natura ipotetika tiegħu fil-kuntest ta' dan il-każ. Mill-ġdid, l-appellant ma huwiex reċidiv. Ix-xewqa ta' min ifaħħarha li tiġi pprevenuta l-imposizzjoni ta' dak li l-Istat jista' jqis bħala eċċessiv, ma tistax, fil-fehma tiegħi, tbiddel u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-DQ 2008/947, li l-objettivi tagħha ma jikkonċernawx il-kwistjoni tal-għoti tas-sentenzi f'każi ta' reċidiva.

94. Għalhekk, ma jistgax jiġi suġġerit li l-posizzjoni ta' persuna li ma hijiex reċidiva għandha tinbidel minħabba l-fatt li peruna li kienet reċidiva tista' forsi tkun aħjar jekk għas-sitwazzjoni tagħha jiġi applikat l-Artikolu 14 tad-DQ 2008/947. Is-sitwazzjoni tal-persuna kkundannata li ma hijiex reċidiva tista' tiggrava bis-sempliċi fatt tar-rikonoxximent tas-sentenza sospiża fl-Estonja, u għalhekk tqiegħdha f'sistema li normalment ma tkunx applikabbli għaliha. B'hekk tiġi potenzjalment suġġetta għal kwalunkwe obbligi li jistgħu japplikaw f'dak l-Istat u jkollha ċertifikat tal-kondotta f'dak l-Istat, li kieku ma kienx ikun il-każ. Huwa għalhekk, nassumi, li l-appellant f'dan il-każ ikkontesta l-inklużjoni tas-sempliċi sentenza sospiża tiegħu taħt il-mekkaniżmu tad-DQ 2008/947 quddiem tliet istanzi tal-qrati Estonjani.

95. Ladarba ġie kkjarifikat dak l-element, jista' biss jitfakkar li l-interpretazzjoni tal-miżuri ta' dritt kriminali għandhom jiġu rregolati minn prinċipji ta' legalità, stabbiliti, fid-dritt tal-Unjoni, fl-Artikolu 49(1) tal-Karta. B'dan ma nfissirx li l-kunċett strett ta' legalità ta' sanzjonijiet kriminali (*nullum crimen, nulla poena sine lege*), iżda l-kwistjoni usa ta' ċertezza u prevedibbilità tal-konsegwenzi li jirriżultaw minn kundanna kriminali[30].Fi kliem ieħor, jidher li jekk is-sentenza inkwistjoni hija rrikonoxxuta bħala waħda li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-DQ 2008/947, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt kriminali ser ikun imġebbed għad-detriment tal-persuna kkundannata. Dan fih innifsu huwa argument ieħor kontra l-interpretazzjoni wiesgħa tad-DQ 2008/947.

96. Nikkonkludi li l-analiżi kuntestwali u teoloġika magħmula hawn fuq ma taffettwax il-konklużjoni li kont diġà wasalt għaliha bbażata fuq eżami tat-test, loġika u sistema tad-DQ 2008/947. Dak l-istrument ma japplikax għas-sentenza li timponi sempliċi sentenza sospiża mingħajr ma tiddefinixxi l-ebda miżura ta' probation fis-sens tat-tifsira tad-DQ 2008/947 u fejn l-unika obbligu tal-persuna kkundannata kkonċernata hija li tevita milli twettaq reat ġdid waqt il-perijodu ta' probation.

28 Ara, f'dan is-sens, pereżempju, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-220/15, EU:C:2016:534, punt 35).

29 Iktar 'il fuq, punti 82 sa 90 ta' dawn il-konklużjonijiet.

30 Ara, dwar dan il-punt, il-konklużjonijiet tiegħi fis-sentenza X (Mandat ta' arrest kontra kantant) (C-717/18, EU:C:2019:1011, punti 92 sa 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

## V. Konklużjoni

97. Nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda magħmula mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja):

Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi ma tapplikax għal sentenza li timponi sentenza sospiża mingħajr ma timponi miżura ta' probation fis-sens tat-tifsira ta' dik id-deċiżjoni qafas u fejn l-unika obbligu tal-persuna kkundannata hija li tevita milli twettaq reat ġdid waqt il-perijodu ta' probation.